

Brussell, 16 ta' April 2026
(OR. en)

8293/26

ENT 75
MI 351
IND 254
COMPET 441
TRANS 228
CONSOM 123
ENV 368

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	D(2026) 114401/01
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) 2017/1151 fir-rigward tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għal vetturi ħfief għall-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali għad-dati tat-tmiem tal-vetturi Euro 6 u ċerti rekwiżiti tekniċi speċifiċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D(2026) 114401/01.

Mehmuż: D(2026) 114401/01



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
D114401/01
[...] (2026) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) 2017/1151 fir-rigward tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għal vetturi ħfief għall-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali għad-dati tat-tmiem tal-vetturi Euro 6 u ċerti rekwiżiti tekniċi speċifiċi

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) 2017/1151 fir-rigward tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għal vetturi ħfief għall-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali għad-dati tat-tmiem tal-vetturi Euro 6 u ċerti rekwiżiti tekniċi speċifiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6)¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(3) u 14(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jirregola l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet tagħhom. Id-dispożizzjonijiet tekniċi speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151².
- (2) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, u sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u jiġu żgurati prattiki komuni u armonizzati fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda, l-aħħar dati tar-reġistrazzjoni tal-vetturi Euro 6 jenħtieġ li jidhru fir-Regolament (UE) 2017/1151.
- (3) Bl-istess mod, huwa meħtieġ li l-metodoloġija tal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief stabbilita fir-Regolament (UE) 2017/1151 tiġi

¹ ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2007/715/oj>.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1151/oj>).

³ Ir-Regolament (UE) 2024/1257 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj>).

allinjata mar-Regolament tan-NU Nru 154⁴ dwar il-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu, b'mod partikolari fir-rigward tal-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂.

- (4) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-allinjament mal-istandards armonizzati madwar id-dinja, huwa meħtieġ li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet attwali f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 154 . B'mod speċifiku, għall-ittejtjar tal-konformità tal-vettura fir-rigward tal-emissjonijiet evaporattivi u d-dijanjestika abbord, jenħtieġ li tipprevali r-referenza għar-Regolament tan-NU Nru 154 għat-test tal-emissjonijiet evaporattivi (test tat-Tip 4) u għas-sistemi dijanjestiċi abbord, u jenħtieġ li jitħassru r-rekwiżiti tal-konformità tal-produzzjoni stabbiliti fil-punti 4.6 u 4.7 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1151. L-Annessi I u IIIA tar-Regolament (UE) 2017/1151 jenħtieġ li jiġu rettifikati kif meħtieġ.
- (5) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-allinjament mal-istandards armonizzati madwar id-dinja, huwa meħtieġ li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet attwali f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 168⁵. L-Appendiċi 1 tal-Anness IIIA tar-Regolament (UE) 2017/1151 jenħtieġ li jiġi rivedut biex jiġi żgurat li r-referenzi għas-“Sistema portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet” jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 168. Barra minn hekk, l-Appendiċi 7 jenħtieġ li jiġi aġġornat biex jirrifletti l-kalkoli tal-korrezzjoni tad-deriva skont il-paragrafu 5.0 tal-Anness 7 tar-Regolament tan-NU Nru 168 u l-metodu ta' kalkolu bl-użu tal-fluss tal-massa tal-arja u l-proporzjon tal-arja u l-fjuwil skont il-paragrafu 7.3 tal-Anness 7 tar-Regolament tan-NU Nru 168.
- (6) Sabiex tiġi ċċarata l-applikabbiltà tal-kejl tal-potenza tas-sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi, jixraq li jiġi stabbilit li kemm il-potenza netta tal-magna kif ukoll il-potenza massima ta' 30 minuta jenħtieġ li jiġu ddeterminati meta tali sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi jkunu magħmula minn kontrolluri u muturi, li jintużaw bħala l-unika modalità ta' propulsjoni għal parti mill-ħin (vetturi ibridi).
- (7) Sabiex tiġi pprovduta ċarezza u jkun hemm allinjament mar-Regolamenti Nru 154 u Nru 168 tan-NU, jenħtieġ li jiġu kkoreġuti xi żbalji li nstabu fil-forma ta' referenzi komuni żbaljati u li jiġi żgurat l-allinjament kemm tal-Artikolu 2 kif ukoll tal-Annessi I u IIIA tar-Regolament (UE) 2017/1151 ma' dawk ir-Regolamenti tan-NU.
- (8) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2017/1151 jenħtieġ li jiġi emendat u rettifikat kif xieraq.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur,

⁴ Ir-Regolament tan-NU Nru 154 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-awtonomija elettrika (WLTP), serje ta' emendi 02 (ĠU L 290, 10.11.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2124/oj>).

⁵ Ir-Regolament tan-NU Nru 168 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE), ĠU L, 2024/211, 12.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/211/oj>.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) 2017/1151

l-Annessi I, IIIA u XX tar-Regolament (UE) 2017/1151 huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/1151

L-Annessi IA u IIIA tar-Regolament (UE) 2017/1151 huma rettifikati skont l-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula von der Leyen*